# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu, 2002

## Avviz numru : 14/2002GT(GM)

**Gesualda Buttigieg u Josepha Vella**

**vs**

**Carmen Buttigieg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba:**

**"L-attrici Gesualda Buttigieg selfet hamsin lira (Lm 50) lill-konvenuta sabiex tinxtara makna ta' luzzu, liema somma l-konvenuta qieghda tirrifjuta illi trodd lura.**

**L-attrici l-ohra Josepha Vella kienet sellfet mitt lira (Lm 100) lill-konvenuta sabiex jinxtara trakk kif ukoll is-somma ta' tletin lira (Lm 30) meta allegatament insteraqlek il-portmoni fil-Belt Valletta, liema somom il-konvenuta qieghda tirrifjuta illi trodd lura minkejja illi giet debitament interpellata.**

**Il-konvenuta qieghda tamministra l-komunjoni tal-akkwisti li hemm ma' zewgha Publius Buttigieg u hija f'pozizzjoni li trodd dawn il-flejjes izda qieghda tirrifjuta illi taghmel hekk."**

**Ra r-riferta imnejn jirrizulta illi l-konvenuta giet debitament innotifikata fit-12 ta' Frar 2002;**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-avukat Dottor Joseph Ellis ghall-atturi li ddikjara li s-sorte gie mhallas fil-mori tal-kawza;**

**Ikkunsidra**

**Illi l-konvenuta ma deheret ghall-ebda seduta mizmuma mit-Tribunal u cioe' dawk tat-8 ta' Marzu 2002, u l-anqas dik tallum;**

**Ra l-artikolu 13(b) tal-Att ta' Kap 380;**

**U billi l-kawza saret kawza tan-nuqqas ta' adempiment ta' obbligazzjoni da parti tal-istess konvenuta;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tad-domanda attrici kwantu ghas-sorte billi l-mertu huwa ezawrit f'dan ir-rigward, jikkundanna lill-konvenuta ghall-ispejjez tal-istanti procedura.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**